**28 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Calcedonio Ciantar

**Responsabbiltà Kriminali — Negliġenza — Bejgħ — "Sale of Commodities (Control) Regulations, 1952" — Prova — Kontravvenzjoni — Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali — Reg. 7(z) tal-Government Notice 234/1952.**

*Ir-reati taħt is-"Sales of Commodities (Control) Regulations" tal-1952 huma kontravvenzjonijiet.*

*Il-Liġi Kriminali tirrendi ħati ta' reat lill-padrun, billi żżommu responsabbli tal-kontravvenzjoni kommessa mid-dipendent tiegħu, jekk si tratta ta' kontravvenzjoni ta' xi dispożizzjoni tal-liġi li l-padrun kien tenut josserva, u jekk bl-eżerċizzju tad-diliġenza l-padrun seta' jevita l-kontravvenzjoni.*

*Il-prova li l-kontravvenzjoni kommessa mid-dipendent setgħet tiġi evitata bil-viġilanza tal-padrun tmiss lill-Prosekuzzjoni.*

*Imma l-impossibbiltà li tiġi prevenuta l-kontravvenzjoni, biex tista' tiskaġuna lill-padrun, jeħtieġ li tkun, mhux relattiva, imma assoluta.*

*U jekk il-Qorti tkun soddisfatta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-prova ta' nuqqas ta' diliġenza tal-padrun, fis-sens illi rnexxielha turi illi l-padrun bid-diliġenza tiegħu seta' jevita l-kontravvenzjoni, allura l-padrun huwa ħati tal-kontravvenzjoni tad-dipendent.*

*Fil-każ preżenti, l-imputat, proprjetarju ta' azjenda kummerċjali ta' ċerta entità, kellu mpjegat miegħu b'salarju tajjeb "accountant" biex jeħodlu ħsieb tal-kotba u jmexxi l-kontabbilità tal-azjenda, peress li l-imputat kien illetterat, u skond il-kalkoli magħmula mill-"accountant" sar il-bejgħ ta' xi "spare parts" ta' karrozzi bi prezz ogħla minn dak fissat mir-Regolamenti; l-"accountant" kien konvint li l-*

*prezzijiet li ħareġ ma kienux kontra l-liġi; l-imputat kien huwa wkoll konvint, u ma setgħax kien in mala fede; eppure l-Qorti żammitu ħati tal-kontravvenzjoni ta' bejgħ bi prezz aktar minn dak permess mir-regolamenti, għar-raġuni illi sabet illi bi ftit aktar ta' diliġenza l-imputat, avvolja illetterat, seta' irrealizza u nsista mal-"accountant" li, minħabba l-partikularità tal-każ, il-kalkolu kellu jsir differentement; u li ma kienx biżżejjed, biex jiskriminah, il-fatt li hu, bħala illetterat, ħalla kollox f'idejn l-"accountant", u dan deherlu, anzi kien konvint, li l-affarijiet għamilhom sewwa u skond il-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Marsa jew imkejjen oħra, f'dawn ix-xhur, offra għall-bejgħ u biegħ "spare parts" tal-karrozzi lil Joseph Spiteri bi prezzijiet ogħla minn dawk fissati mil-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' April 1958, li biha sabet lill-imputat ħati talli offra għall-bejgħ u biegħ lil Joseph Spiteri "spare parts" tal-karrozzi bi prezz irraġjonevoli, ċjoè bi profitt in eċċess ta' dak konsentit mir-regolamenti, u kkundannatu għall-multa ta' £20;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat illi l-appellant hu sid din l-azjenda awtomobilistika, u li materjalment il-prezzijiet inkriminati b'din iċ-ċitazzjoni nħadmu minn Joseph Camilleri, li hu mpjegat bħala "accountant" mal-appellant;

Għalhekk l-appellant qiegħed jinvoka, bħala bażi tal-appell, id-dispost tal-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali, li jirrendi l-padrun responsabbli tal-kontravvenzjoni kommessa mid-dipendent, jekk si tratta ta' kontravvenzjoni ta' xi dispożizzjoni tal-liġi li l-padrun kien tenut josserva, u jekk,

bl-eżerċizzju *tad-diliġenza l-padrun* seta' jevita l-kontravvenzjoni;

Għandu jiġi osservat illi, b'liġi, dawn ir-reati huma kontravvenzjonijiet (Reg. 17(z) G.N. 234/1952). Id-difiża ssostni li l-appellant ma setgħax bid-diliġenza tiegħu jevita l-kontravvenzjoni, għaliex hu mpjega bniedem kompetenti, taħ istruzzjonijiet li josserva l-liġi f'kollox, u, peress li hu illetterat, bilfors irid iħalli f'idejn dan l-"accountant";

*L-art. 25 tal-Kodiċi Malti hu simili għall-ewwel para*grafu tal-art. 60 tal-Kodiċi Kriminali Taljan antik;

Jirriżulta, fil-fatt, li Camilleri hu "accountant" ta' ċerta esperjenza, u li jinsab impjegat mal-appellant bħala tali bis-salarju mhux indifferenti ta' £40 fix-xahar. Jirriżulta wkoll, mix-xhieda tal-appellant mhux kontestata, li hu kien jgħid lill-"accountant" biex josserva l-liġi f'kollox, u li l-appellant hu kważi għal kollox illetterat, għalkemm hu neguzjant ta' impriża konsiderevoli;

Ġie deċiż mill-Qrati Taljani, a propożitu ta' dan l-artikolu, li, kwantu għall-prova li "la contravvenzione avesse potuto impedirsi mercè la sua vigilanza", din il-prova tmiss lill-akkuża (ara. Gpza. Cod. Pen. Ugo Conti, art. 60, para. 51-52). Liema prinċipju hu konformi għall-prinċipju ġenerali tal-Qrati Tagħna li, in linea ta' massima, hu obligu tal-Prosekuzzjoni, li qegħedha takkuża, li tissostanzja l-akkuża. L-istess jingħad fis-sentenza riportata fil-para. 151 u 152 u 153 ibidem, fejn hemm, "inter alia", hekk:— *"Ma è antigiuridico affermare come avverata tale* indiretta responsabilità solo perchè il dipendente sia caduto in contravvenzione, mentre si dovrebbe indagare — e spetta all'accusa di farlo — se nel caso concreto il proprietario poteva colla sua diligenza impedire il reato";

Hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Trani li, in teorija, tidher li ssostni ferm l-assunt tal-difiża f'din il-kawża; u tgħid hekk (para. 116 ibidem):— "Non è responsabile il padrone per il fatto commesso dal suo dipendente quando *dimostri di aver scelto persone adatte all'esercizio* delle funzioni alle quali l'ha destinate, o dimostri che egli

materialmente non poteva, per insufficienza di cognizioni tecniche, esercitare la dovuta vigilanza sul suo dipendente". Salv dak li sejjer jingħad, dan jixbaħ il-każ odjern, għax l-imputat hu kważi għal kollox illetterat, u għax Camilleri hu bniedem kompetenti bħala "accountant", u adegwatament imħallas;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx dubju li dan hu "border-line case". Minbarra ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, li qieshom (salv dak li sejjer jingħad) jinkwadraw l-ipotesi kontemplata fissentenza tal-Appell ta' Trani fuq riportata, hemm ukoll li l-"accountant" Camilleri deher konvint, anki b'ċerta pertinaċja, mill-korrettezza tal-kalkolu minnu magħmul; liema konvinzjoni ma setgħetx ma tiġix kommunikata lill-appellant, trattandosi ta' tekniku minn naħa waħda u ta' persuna kważi "in toto" analfabeta minn naħa l-oħra. Hemm ukoll ir-rifless dwar il-fatt li emerġa mill-provi, li in definittiva d-ditta tal-appellant ma bbenefikat bl-ebda mod milleċċess, għax dak li kien żejjed fil-każ tax-xerrej Spiteri kien nieqes fil-każ tal-bqija tal-merkanzija li l-konsenja lil Spiteri kienet tifforma parti minnha, stante li l-kalkolu kien globali. F'dan is-sens żgur ma kienx hemm mala fede b'idea ta' profitt indebitu mill-parti tal-appellant;

Però, kif irritenlet din il-Qorti fis-sentenza tagħha "Pulizija vs. Chapelle" tat-13 ta' Mejju 1944, jeħtieġ li l-impossibbiltà li tiġi prevenuta l-kontravvenzjoni, biex tista' tiskaġuna, tkun mhux relattiva, imma assoluta;

Issa, f'dan il-każ irriżulta li n-negozju ma' Spiteri kien partikulari għalieh, fis-sens illi, mentri l-"items" tiegħu kienu jiffurmaw parti minn merkanzija waħda, b'polza u dokumenti uniċi, eppure kienu destinati direttament għalieh, u mhux destinati, bħal l-"items" l-oħra, għall-bejgħ "ex stock";

Din il-Qorti tirritjeni li, peress li din iċ-ċirkustanza, rilevata mill-Prosekuzzjoni, kienet tbiddel il-kalkolu għarrigward tal-"items" ta ' Spiteri, għalhekk intlaħqet mill-Prosekuzzjoni l-prova tan-nuqqas ta' diliġenza, fis-sens li

l-imputat seta' bi ftit aktar diliġenza, avvolja illetterat, irrealizza u nsista mal-"accountant" Camilleri li, minħabba din il-partikularità (mill-imputat konoxxuta), il-kalkolu, għar-rigward ta' Spiteri, kellu jsir differentement u separatament;

**Ikkunsidrat;**

Kif ingħad, il-każ hu però "border-line case." Il-grad ta' negliġenza kien minimu, tant li l-Ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza li ċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jimponu li l-multa tiġi applikata fil-minimum tagħha. L-imputat, f'ċertu sens, kien in bwona fede, għalkemm ma jistgħax jingħad li l-bwona fede kienet legalment tirraġġunġi l-grad ta' skriminanti bħala li toħloq żball invinċibbli. Profitt tad-ditta ma kienx hemm, u evidentement l-imputat kien żvijat mill-kredenza tenaċi tal-"accountant" Camilleri li l-kalkolu tiegħu kien korrett. Għalhekk hemm lok li jiġi adottat, bħal f'każijiet oħra analogi, il-provvediment infraskritt;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iżda tordna, wara li rat l-art. tal-Kap. 118 Ediz. Riv., li din il-kundanna ma tiġix imniżżla fil-kondotta tal-imputat.